



18.7.2011

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0248/2011, imressqa minn Ryszard Czarnecki, ta' ċittadinanza Pollakka, b'firma waħda, dwar l-inkompatibilità tal-liġi elettorali l-ġdida fil-Polonja mad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant qed jilmenta kontra l-liġi elettorali l-ġdida fil-Polonja, li introduċiet projbizzjoni fuq il-kumitati elettorali li jxandru avviżi elettorali permezz ta' programmi fuq ir-radju jew it-televixin, fuq stazzjonijiet pubbliċi jew inkella fuq dawk privati. Il-petizzjonant huwa tal-fehma li din il-liġi tillimita l-libertà ta' informazzjoni jew l-aċċess taċ-ċittadini għall-informazzjoni, u li hija tikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva, li l-Premessa 8 tagħha tistipola li huwa essenzjali għall-Istati Membri li jassiguraw il-prevenzjoni ta' kull att li jista' jkun ta' detriment għal-libertà tal-moviment u l-kummerċ fi programmi tat-televiżjoni jew li jistgħu jippromwovu l-ħolqien ta' pożizzjonijiet dominanti li jwasslu għal restrizzjonijiet fuq il-pluraliżmu u l-libertà tal-informazzjoni bit-televiżjoni u tas-settur tal-informazzjoni kollu kemm hu. Il-petizzjonant jemmen ukoll li f'dan il-każ kien hemm nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li jirrigwardaw il-libertà tal-espressjoni, li jkopru l-libertà li wieħed jista' jkollu l-opinjoni proprja tiegħu u li wieħed jista' jikkomunika u jirċievi informazzjoni u ideat. Għalhekk, il-petizzjonant qed jitlob lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet jinvestiga din il-kwistjoni flimkien mal-Kummissjoni Ewropea.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fil-31 ta' Mejju 2011. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (l-Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. **Risposta tal-Kummissjoni**, li waslet fit-18 ta' Lulju 2011.

Id-Direttiva tas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (Direttiva 2010/13/UE)¹ tipprovdi qafas legali li jkopri s-servizzi kollha tal-media awdjoviżiva, kemm ix-xandir tradizzjonali u kemm is-servizzi "on-demand". Hija tistabbilixxi wkoll ir-regoli dwar il-komunikazzjoni awdjoviżiva kummerċjali, inkluż ir-reklamar televiżiv. Madankollu, ma tkoprix ir-reklamar politiku, inklużi l-avviżi elettorali. U lanqas ma tirregola l-libertà tal-espressjoni u ta' informazzjoni. Il-Premessa 8 tad-Direttiva ma tipprovdux regolamentazzjoni tal-libertà tal-media, kif sostnut fil-petizzjoni. Hija tindirizza lill-Istati Membri billi tistedinhom jiżguraw il-libertà li wieħed jipprovdi servizzi fil-qasam tax-xandir televiżiv billi tipprevieni kwalunkwe att li jista' jkun ta' detriment għal din il-libertà.

F'dak li jirrigwarda l-kwistjoni tad-drittijiet fundamentali fil-livell tal-UE, il-Kummissjoni tfakkar li skont l-Artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, id-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-Istati Membri biss meta jkunu qed jimplementaw il-liġi tal-Unjoni. Dan ifisser li l-Kummissjoni tista' taġixxi biss sabiex tiżgura r-rispett għall-pluraliżmu tal-media u l-libertà ta' informazzjoni f'dawk il-każijiet speċifiċi fejn l-Istati Membri jkunu qed jimplementaw il-liġi tal-UE. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-petizzjonant, ma jidhirx li l-kwistjoni li għaliha qed jirreferi taqa' fil-qasam ta' applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Meta l-Istati Membri ma jimplementawx il-liġi tal-UE, huma l-Istati Membri wehđidhom li għandhom jiżguraw li l-obbligi tagħhom rigward id-drittijiet fundamentali li jirriżultaw minn ftehimiet internazzjonali, bħad-dritt fundamentali stipolat fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, u mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom ikunu ssodisfati.

F'dak il-każ ir-rispett, mill-Istati Membri, tad-dritt fundamentali kif stipolat fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, huwa suġġett għal investigazzjoni mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-kwistjoni tar-reklamar politiku, li qed titqajjem fil-petizzjoni, mhijiex koperta mil-liġi tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni m'għandhiex is-setgħa biex tintervieni fl-oqsma maħsuba biex jibqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri.

¹ <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2010:095:0001:0024:MT:PDF>